MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 240/2011

**A B**

vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1) Illi l-partijiet izzewgu nhar is-7 ta' Dicembru 1997 u sussegwentement isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni tas-17 ta' Ottubru 2001 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo (Dok A);
2) Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal mill-inqas ghaxar snin;
3) Illi l-partijiet ddekadew ghal kull dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u l-partijiet ma kellhomx tfal;

Talab li din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija divorju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artiklu 66D(2) tal-Kodici Civili nostan;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti ma topponix it-talba maghmula mir-rikorrenti ghall-hall taz-zwieg taghhom u taqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korettament senjat mir-rikorrent fit-talba promoter tieghu;
2. Illi l-intimtata tirrileva illi meta hija kkontrattat iz-zwieg taghha lir-rikorrent hija kienet zammet kunjom xbutitha “D” izda mieghu ziedet kunjom zewgha “B” u trid issa illi mal-hall taz-zwieg taghha tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha “D” u twaqqa kunjom zewgha;
3. Ghaldaqstant l-esponenti titlob reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli tal-Kodici Civili 66D u 62 tal-Kodici Civili tawtorizza lill-esponenti tirreverti ghal kunjom xbubitha billi twaqqa kunjom zewgha “B”, illi maz-zwieg, kif inghad, kienet zieded ma kunjom xbubitha;

Rat id-digriet taghha precedenti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat ir-risposta ta’ l-intimata;

Rat illi l-intimata talbet fir-risposta taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha “D” u twaqqa il-kunjom ta’ zewgha;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c, 66 D u 62  tal-Kodici Civili;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi  irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ kuntratt datat 17 ta’ Ottubru 2001;

Rat illi l-partijiet iddekadew ghal kull dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u illi l-partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg u rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni, skond kif xehdu l-istess partijiet;

Rat illi ulied il-partijiet illum huma kollha maggorenni u illi l-partijiet qatt ma obbligaw ruhhom illi immantnu lil xulxin, u dan ukoll kif xehdu il-partijiet bil-gurament taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa t-talba ta' l-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha billi twaqqa il-kunjom ta' zewgha "B", illi maz-zwieg kien zdied ma kunjom xbutitha, sabiex b'hekk kunjomha ikun "D", il-Qorti tilqa t-talba kontenuta fir-rikors, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------